# Hemm bżonn nilbes Maskra?

Il-maskri huma protezzjoni ekstra biex jipproteġu kontra l-COVID-19 f'żoni b'tixtrid komunitarju. Iċċekkja l-parir tal-istat u tat-territorju lokali tiegħek dwar ir-rakkomandazzjonijiet u l-obbligi dwar il-maskra. Jekk int f'sitwazzjoni fejn id-distanzjar fiżiku hu diffiċli bħal ngħidu aħna fuq it-trasport pubbliku, int tista' tagħżel li tilbes maskra.

## Biex tibqa' ħieles mill-COVID:



- Aħsel jew issanitiżża idejk
- Żomm id-distanzjar fiżiku (1.5m)
- Żomm il-vaċċinazzjonijiet tiegħek COVID-19 aġġornati
- Oqgħod id-dar jekk tħossok ma tiflaħx u mur għat-test.

Jekk tagħżel li tilbes maskra:

- ✓ Aħsel idejk qabel ma tilbes il-maskra




- ✓ Ara li tgħatti imnieħrek u ħalqek u toqgħod issikkata ħafna taħt geddumek, fuq il-għadma tal-imnieħer u mal-ġnub ta' wiċċek.



- ✓ Tmissx il-parti ta' quddiem tal-maskra waqt li tkun qed tilbisha jew meta tneħħiha. Jekk tmiss il-maskra, aħsel u ssanitiżża idejk minnufih. Tħallix il-maskra toqgħod imdendla ma' geddumek jew m'għonqok.



- ✓ Aħsel u ssanitiżża idejk wara li tneħħi l-maskra.



- ✓ Aħsel il-maskri tad-drapp wara kull użu, jew tal-anqas kuljum.



***Maskri li jridu jintużaw darba biss m'għandhomx jerġgħu jintużaw u għandhom jintremew minnufih wara l-użu.**

**Importanti:** Persuni li għandhom kundizzjonijiet respiratorji kroniċi għandhom jitolbu l-parir mediku qabel jużaw il-maskra.

Għal aktar tagħrif ċempel lil National Coronavirus Helpline fuq **1800 020 080**, agħżel **għażla 8** għas-servizzi tal-interpretar, jew żur **www.health.gov.au**

0000185